,

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**ILLUM 10 TA' LULJU 2019**

**Kawża Numru:**

**Rik. Ġur. 109/2017 RGM**

**Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr. Simon Busuttil (K.I. 0242669M), Onorevoli Dr. Beppe Fenech Adami (K.I. 0309568M), Onorevoli Dr Mario De Marco (K.I. 0500265M), Onorevoli Dr. Anthony Abela (K.I. 0053556M), Onorevoli David Agius (K.I. 0486068M), Onorevoli David Arrigo (K.I. 0856454M) Onorevoli Fredrik Azzopardi (K.I. 0070549G), Onorevoli Dr. Jason Azzopardi (K.I. 0143871M), Onorevoli Perit Anthony Bezzina (K.I. 0486069M), Onorevoli Charlo Bonnici (K.I. 0066667M), Onorevoli Antoine Borg K.I. 0155783M), Onorevoli Claudette Buttigieg (K.I. 0093868M), Onorevoli Ryan Callus (K.I. 0324283M), Onorevoli Robert Cutajar (K.I. 0124272M), Onorevoli Cristy Debono (K.I. 0077982M), Onorevoli Perit Censu Galea (K.I. 0587656M), Onorevoli Mario Galea (K.I. 0366362M), Onorevoli Dr Michael Gonzi (K.I. 0726560), Onorevoli Dr Karl Gouder (K.I. 0282479M), Onorevoli Claudio Grech (K.I. 0392174M), Onorevoli Dr. Peter Micallef (K.I. 0050768M), Onorevoli Dr. Carmelo Mifsud Bonnici (K.I. 0267360M), Onorevoli Dr. Paula Mifsud Bonnici (K.I. 0006173M), Onorevoli Dr. Marthese Portelli (K.I. 0015276G), Onorevoli Clyde Puli (K.I. 0369769M),**

**Onorevoli Perit George Pullicino (K.I. 0263464M), Onorevoli Dr. Christopher Said (K.I. 0018970G), Onorevoli Dr. Stephen Spiteri (K.I. 0168567M), Onorevoli Edwin Vassallo (K.I. 0450761M), Onorevoli Dr Francis Zammit Dimech(K.I. 0771754M)**

**(Kamra tad-Deputati, Il-Binja tal-Parlament, Triq ir-Repubblika, Valletta)**

**vs.**

**Josef Bugeja fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali għan-nom u in rappreżentanza tal-General Workers' Union**
**(Memorial Building Triq Nofsinhar, il-Belt, Valletta)**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**
**(Auberge de Baviere, Valletta)**

**Arms Limited**
**(Gattard House, National Road, Blata-l-Bajda)**

**Sciacca Grill Ltd (C 50533)**
**(St Augustine Street, St Julians)**

**u/jew**
**(Triq Nofsinhar, il-Belt, Valletta)**

**Avukat Ġenerali**
**(Il-Palazz, il-Belt, Valletta)**

**Il-Qorti:**

Rat mill-ġdid ir-**rikors maħluf tal-atturi** hawn fuq imsemmija ppreżentat fis-6 ta' Frar, 2017, li permezz tiegħu qed jitolbu lill-Qorti:

1. **Tiddikjara u tiddeciedi** illi z-zewg kuntratti ta' kera bejn l-intimat General Workers' Union u ARMS Ltd. tal-24 ta' April 2014 u bejn il-General Workers' Union u Sciacca Grill Ltd. huma in vjolazzjoni tal-kuntratti tas- 7ta' Frar 1957 fl-atti tan-Nutar Victor Miller u tat-12ta' Dicembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli u tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 4 tal-Kap 268 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Tiddikjara u tiddeciedi** illi l-General Workers' Union mhux biss ivvjolat l-obbligi kuntrattwali minnha kontrattati bil-kuntratti tas- 7 ta' Frar 1957 fl-atti tan-Nutar Victor Miller u tat-12 ta' Dicembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli stante illi fis-socjetajiet ARMS Limited u Sciacca Grill Ltd hija m'ghandhiex 51% tal-azzjonijiet tal-istess socjetajiet imma wkoll ghax dawn il-kirjiet huma in vjolazzjoni tar-resoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

3. **Tiddikjara u tiddeciedi** illi l-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali huma f'obbligu ai termini tal-ligi biex jittutelaw il-proprjeta' pubblika u biex jiehdu l-passi necessarji sabiex jassiguraw illi l-kundizzjonijiet kollha tal-proprjeta' koncessa mill-Kummissarju ta' l-Artijiet jigu adempiti ai termini ta' l-istess kuntratti u tar-resoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

4. **Thassar u tannulla** z-zewg kuntratti pubblici tas-7 ta' Frar 1957 fl-atti tan-Nutar Victor Miller u tat-12ta' Dicembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli kif ukoll ic-cedola ta' depositu u fidi ta' cens numru 739/15 ipprezentata fil-15 ta' Mejju 2015 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet fl-ismijiet General Workers Union –vs- Kummissarju ta' l-Artijiet u tordna li jintradd lura l-proprjeta' kollha fejn tinsab il-General Workers' Union u koncessa lilha bil-kuntratti fuq imsemmija lill-istess Kummissarju ta' l-Artijiet.

5. **Tinnomina** Nutar biex jippubblika l-att relattiv tat-thassir u nullita' tal-imsemmija zewg kuntratti pubblici tas-7 ta' Frar 1957 fl-atti tan-Nutar Victor Miller u tat-12ta' Dicembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli f'jum, hin u lok kif stabbilit minn din il-Qorti.

6. **Tinnomina** kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-Kummissarju ta' l-Artijiet u/jew il-General Workers' Union fuq l-att ta' thassir u nullita' tal-imsemmija zewg kuntratti pubblici tas-7 ta' Frar 1957 fl-atti tan-Nutar Victor Miller u tat-12 ta' Dicembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Ġenerali** tat-23 ta' Frar, 2017 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' *locus standi* tal-atturi sabiex jintavolaw l-azzjoni odjerna stante li l-kuntratti li huma qegħdin jittentaw li jimpunjaw b'din l-azzjoni m'humiex kuntratti li fihom huwa parti l-Kummissarju tal-Artijiet jew xi dipartiment tal-Gvern iżda huma kuntratti bejn terzi estraneji ghall-Gvern u ghall-Kummissarju tal-Artijiet. Illi in oltre t-trasferiment b' titolu ta' emfitewsi tal-proprjeta de quo sar mill-Gvern abbazi ta' rizoluzzjoni tal-Assemblea Legislattiva tat- 28 ta' Novembru 1956 u ta' rizoluzzjoni parlamentari tal- 31 ta' Ottubru 1997 u dan b' mod illi ma jqanqal ebda kwistjoni taht il-Kap 268 u ghalhekk l-imsemmija trasferimenti imwettqa mill-Gvern ma jistghux ikunu l-oggett ta' din l-azzjoni.

2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxi li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dina l-azzjoni u ghandu jigi dikjarat bhala tali u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan ukoll stante illi l-fatt illi huwa wiehed mill-persuni li ghandu l-fakolta li jesperixxi l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 4 tal-Kap 268 ma jirrendihx legittimu kontradittur f' kull azzjoni ntavolata minn kull persuna oħra li għandha dritt ukoll illi tintavola azzjoni skont l-istess artikolu.

3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess illi l-artikolu 4 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap 268) huwa fakoltattiv u ma jimponi ebda obbligu fuq xi persuna li tistitwixxi azzjoni għad-dikjarazzjoni tan-nullita' u/jew għall-annullament ta' xi għoti ta' titolu fuq artijiet u dan wisq inqas meta *si tratta* ta' kuntratti illi fihom il-Gvern ma jkunx parti.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti.

Salvi eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż.

Rat **ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet** ppreżentata fl-24 ta' Frar, 2017 fejn jingħad kif ġej:

1. L-att pubbliku ta' koncessjoni enfitewtika in data 7 ta' Frar, 1957 sar bis-sahha ta' rizoluzzjoni tal-Assemblea Legislattiva datata 28 ta' Novembru 1956, il-kunsens tal-Gvernatur u l-provvedimenti tal-ligi vigenti dakinhar. L-att pubbliku li mmodifika l-koncessjoni enfitewtika in data 12 ta' Dicembru 1997 sar bis-sahha ta' rizoluzzjoni parlamentari datata 31 ta' Ottubru 1997 u l-provvedimenti tal-Kap 268 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi ma hemmx bazi legali ghat-talba ghat-thassir ta' din il-koncessjoni enfitewtika kif emendata peress illi ma kien hemm ebda ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta fl-atti pubblici ta' koncessjoni u modifika.

2. Peress illi l-koncessjoni enfitewtika kif emendata, mertu tal-kawza odjerna, hija r-rizultat ta' zewg rizoluzzjonijiet – wahda tal-Assemblea Legislattiva u ohra tal-Parlament ta' Malta; it-thassir tal-koncessjoni enfitewtika tfisser xoljiment u thassir ta' zewg rizoluzzjonijiet parlamentari. In-natura ta' din l-azzjoni ma tippermettix ukoll thassir ta' rizoluzzjonijiet parlamentari.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-kawza hija msejsa fuq l-artikolu erbgha (4) tal-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta u hija ghalhekk immirata sabiex tattakka kull trasferiment bi ksur tal-istess Att tal-Parlament. F'dan il-kaz il-Gvern, tramite l-Kummissarju eccipjenti, ma ttrasferixxa ebda art u/jew kundizzjoni, u l-allegat ksur tal-koncessjoni sehhet minn terzi estraneji ghall-Kummissarju eccipjenti. Isegwi ghalhekk illi l-artikolu erbgha (4) tal-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssib ebda applikazzjoni u l-atturi ma ghandhom ebda *locus standi* f'din il-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-premessi u talbiet attrici jirreferu ghall-allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-koncessjoni enfitewtika maghmula minn terzi estraneji ghall-eccipjenti. Kwindi din il-kawza ma tikkoncernax xi ghemil skorrett jew zbaljat tal-Kumissarju eccipjenti.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak allegat, il-Kummissarju eccipjenti ma kienx passiv f'din il-vicenda u interpella gudizzjarjament il-partijiet interessati jesebixxu l-kuntratti ta' kiri mertu tal-kawza

odjerna sabiex, wara li jigu stabbiliti l-fatti, il-Kummissarju eccipjenti jkun jista' jirregola ruhu (**Dok A** anness). Kwindi l-Kummissarju tal-Artijiet mexa korrettement u skont il-ligi u ma kkommetta ebda nuqqas passibbli ghal xi danni;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-General Workers' Unio**n ppreżentata 27 ta' Frar, 2017 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament, il-karenza tal-interess guridiku tal-atturi *stante* li dik [li] qed jippostulaw hija *actio popolaris* liema jedd ta' azzjoni mhuwiex konsentit ghal proceduri bhal dawk odjerni;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kemm -il darba l-azzjoni *de quo* hija msejjsa fuq id-dispozizzjonijiet tal-Art. 4(2) tal-Att dwar Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268), l-azzjoni ma tistax tirnexxi *stante* li ebda jedd talvolta moghti mill-eccipjenti lil terzi ma jikkostitwixxi "trasferiment" ghall-ghanijiet tal-Art. 3 tal-Kap. 268;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kif sewwa jippremettu l-atturi, l-eccipjenti fdiet ic-cens gravanti s-sit in kwistjoni u m'hemmx xkiel ghall-ezercizzju tal-jeddijiet petitorji taghha;

4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, *dato ma non concesso* li xi jedd moghti mill-eccipjenti lil terzi jikkostitwixxi "trasferiment"li ghalih japplika l-Art. 3 tal-Kap 268 jew li ghalih japplika tali Att, *a tenur* tal-artikolu 4(2) tal-istess Att, ir-rikorrenti jistghu biss jitolbu n-nullita` ta' tali "trasferiment" u mhux it-thassir tal-koncessjoni enfitewtika u lanqas it-thassir tac-cedola ta' fidi ta' cens u kwindi l-azzjoni kif proposta ma tistax tintlaqa';

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li, fi kwalunkwe kaz, l-attivitajiet kollha gestiti mill-Workers' Memorial Building huma ghall-beneficcju tal-membri

tal-Union esponenti, kif ukoll jikkomplimentaw l-ghanijiet tal-Union esponenti kif se jigu ppruvat fil-mori tal-kawza;

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` Sciacca Grill Ltd** ppreżentata 28 ta' Frar, 2017, li jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament, fl-ewwel lok jigi rilevat illi r-rikorrenti m'ghandhomx ***locus standi stante* li ma ghandhomx interess guridiku** u dan peress illi ma sehh ebda trasferiment ta' proprjeta` ai termini tal-Kap 268 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi dan qed jinghad peress illi Membri Parlamentari, bhar-rikorrenti, ghandhom, ai termini ta' l-istess Kap. Li fuqu huma qed isejsu t-talbiet taghhom, dritt ta' azzjoni **biss** u **limitatament** meta si tratta ta' trasferiment ta' proprjeta` tal-Gvern, jew li taghha ghandu kontroll il-gvern, jew xi korp kostitwit tieghu;

3. Illi konsegwentement, *si come* ma sehh ebda trasferiment ta' proprjeta` *ai termini* tal-Kap 268 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti Membri Parlamentari ma ghandhom **ebda dritt ta' azzjoni u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna illi l-kawza odjerna ma tistax tipprocedi**;

4. Illi fil-mertu, **u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost,** jigi ulterjorment rilevat illi l-azzjoni kif postulata mir-rikorrenti, *in ogni caso* ma tistax tirnexxi u tkun ta' success, u dan peress illi r-rikorrenti ma jisthgux jitolbu t-thassir tal-koncessjoni enfitewtika moghtija lill-intimata General Workers' Union, **meta din l-istess koncessjoni saret ezatt skont kif titlob il-ligi** u dan kif se jirrizulta ahjar mill-provi prodotti;

5. Illi fil-mertu wkoll, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta` intimata ma inghatat ebda dritt lokatizju minn l-intimata General Workers' Union,

u ghalhekk ir-Rikors Guramentat tar-Rikorrenti huwa msejjes fuq konsiderazzjonijiet zbaljati u **<u>konsegwentement it-talbiet taghhom ma jistghu qatt jigu milqugha</u>**;

6. Illi isegwi ghalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti huma **<u>kompletament infondati u bla bazi, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom</u>**;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-kumpannija Automated Revenue Management Services Limited** ppreżentata fl-1 ta' Marzu, 2017 fejn jingħad kif ġej:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi *in linea* preliminari jinghad li l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, peress li huma qatt ma rcevew trasferiment ta' xi proprjeta` *a tenur* tal-Kap 268;

2. Illi bla hsara ghal dak gia` eccepit, ir-rikorrenti m'ghandhomx il-fakolta` u cioe` locus standi li jharku lill-esponenti ai termini tal-Kapo 268;

3. Illi bla hsara ghas-suespost, izda ghar-raguni fuq premessa u *cioe`* li l-esponenti qatt ma rcevew trasferiment ta' xi proprjeta` *a tenur* tal-Kap 268, il-kuntratt ta' kera bejn l-esponenti u l-intimata l-ohra General Workers' Union tal-24 ta' April 2014, ma jistax jigi meqjus jew dikjarat in vjolazzjoni tal-Kap 268, fuq liema Kap hija msejsa esklussivament l-azzjoni tar-rikorrenti;

4. Salv risposti ulterjuri skont il-ligi;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat **ir-rikors ta' Josef Bugeja fil-kwalita` tiegħu ta' Segretarju Ġenerali għan-nom u in rapprezentanża tal-General Workers' Union** ppreżentat fit-23 ta' Mejju, 2019, li permess tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2019, l-esponenti ssottometta brevement dwar il-htiega tal-atturi li jirregolaw il-posizzjoni taghhom in vista li fil-mori tal-kawza, dahal fis-sehh l-att numru XVII tal-2017, li *inter alia* abroga l-Kapitolu 268 li kien vigenti fil-jum li fih giet intavolata il-kawza odjerna;

2. Illi permezz ta' nota tad-9 ta' April, l-atturi ghamlu referenza ghall-artikolu 3(1)(f) tal-Kap. 268 u l-artikolu 31(e) tal-Att XVII tal-2017;

3. Illi l-atturi jsostnu li dak li sar taht il-ligi illum abrogata jibqa' jghodd anki wara l-abrogazzjoni ta' dik il-ligi galadarba hemm ligi ohra li haditilha postha, izda l-esponenti nomine ma jaqbilx peress li fil-kaz odjern – kemm -il darba l-azzjoni attrici hija msejjsa fuq id-dispozizzjonijiet tal-Art. 4(2) tal-Att dwar Trasferimenti ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268) u hi kwindi azzjoni *sui generis*, dak il-jedd ta' azzjoni inkwantu bbazat fuq dispozizzjoni partikolari (minkejja li llum hemm azzjoni simili taht ligi ohra) ma tistax tigi ezercitata. Fuq kollox *lex non habet oculos retro* u kuntrarjament ghal dak li jghidu l-atturi effett retroattiv irid jaghtih il-legislatur, kif jghid Gabba fl-opra tieghu "*Teoria della Retroattiviata delle Leggi*" u kif se jigi sottomess fil-mument opportun fl-odjerna kawza kemm -il darba l-esponenti jinghat l-fakolta` li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri u jghaddi ghat-trattazzjoni taghhom;

4. Illi fuq kollox hemm ukoll l-element tal-interess guridiku inkwantu whud mir-rikorrenti, wara li ntavolaw l-azzjoni *sui generis* taghhom u wara li nbidlet il-ligi ma baqghux deputati u kwindi ddekadew mill-jedd li jezercitaw sija azzjoni taht l-Art. 4(2) tal-Att dwar Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268) *ormai* obrogat kif ukoll tilfu l-jedd li jezercitaw azzjoni taht il-Kap. 573, kif qieghed jargomenta l-attur fin-nota minnu pprezentata nhar id-9 ta' April, 2019;

5. Illi ghalhekk, l-esponenti jixtieq li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri f'dan is-sens sabiex dan il-kwezit jigi determinat minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi l-esponenti ghandu interess li jsostni l-eccezzjonijiet prospettati minnu wara l-bdil fil-ligi kif fuq premess, u dan inkwantu l-atturi ma hassewx li ghandhom x'jirregolaw ruhhom;

7. Illi dan premess, u in kawtela tal-jeddijiet tieghu, l-esponenti *nomine* jixtieq li jipprezenta formalment eccezzjonijet ulterjuri f'din il-kawza skont il-minuta annessa;

8. Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess l-esponenti *nomine* jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtoizzah jipprezenta risposta guramentata ulterjuri u dan skont il-minuta annessa u taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Il-minuta tar-risposta ġuramentata ulterjuri li dwarha qed jitlob l-awtorizzazzjoni l-intimat Josef Bugeja taqra kif ġej:-

**"1. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak *gia`* eccepit, kemm -il darba l-azzjoni *de quo* hija msejjsa fuq id-dispozizzjonijiet tal-Art. 4(2) tal-Att dwar Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268), din ma tistax tigi ezercitata *stante* li l-ligi li kienet taghti l-jedd ta' azzjoni llum tinsab abrogata;**

**2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak gia` eccepit, illi l-atturi jew minn minnhom m'ghandhomx l-interess guridiku sabiex imexxu bl-odjerna kawza stante li m'ghadhomx deputati;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjluri."**

Rat **ir-risposta ta' l-Onorevoli Dottor Simon Busuttil** għar-rikors ta' Josef Bugeja noe. ppreżentata fil-31 ta' Mejju, 2019 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi l-esponenti jaghmel referenza ghar-rikors ta' Joseph Bugeja fejn talab illi huwa ghandu interess li jsostni l-eccezzjonijiet li huwa qed jitlob li ghandu jigi moghti l-permess li jipprezenta skont il-minuta annessa mal-istess rikors *ossia* li illi gialadarba l-azzjoni *de quo* hija msejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 268 tal-Ligijiet ta' Malta ma tista tigi ezercitata *stante* li l-Ligi giet abrogata u subordinatament illi uhud mill-atturi m'ghandhom interess guridiku sabiex imexxu l-kawza odjerna *stante* li m'ghadhomx deputati.

2. Illi l-esponenti jsostnu illi dan ir-rikors huwa frivolu u vessatorju u maghmul biss biex jiddelunga u jiffrusta l-andament normali tal-kawza.

3. Illi kuntrarjament ghal dak minnhom sostnut, l-Artikolu 82 tal-Att XVII tal-2017 jiddisponi fis-segwenti:

***82. Kull ghemil, decizjoni jew azzjoni mehuda qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att skont l-artikoli 468 u 468A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-artikoli 1576A sa 1576D tal-Kodici Civili, l-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, l-artikoli 20 sa 26 tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba', l-Att dwar Zgumbrament minn Artijiet, <u>l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern</u> u l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Artijiet ghandha tkompli tkun regolata bil-ligijiet li kienu fis-sehh qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att***.

4. Illi kif jirrizulta minn dan l-artikolu 82 appena citat, huwa car illi kemm -il darba l-azzjoni tkun ittiehdet qabel ma dahal fis-sehh l-Att hawn fuq imsemmi, dik l-azzjoni xorta wahda ghandha tibqa` tigi regolata bil-ligijiet li kienu fis-sehh qabel ma dahal fis-sehh l-Att XVII tal-2017.

5. Illi din id-disposizzjoni transitorja taghmel referenza ghal diversi ligijiet b'mod partikolari ghal Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti t-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern.

6. Illi barra minn hekk il-gurisdizzjoni trid tigi radikata fil-bidu tal-kawza u ma jfissirx illi dawk il-persuni li kienu Deputati tal-Kamra tad-Deputati u m'ghadhomx

Deputati ghal xi raguni jew ohra fosthom l-elezzjoni sussegwenti tal-2017, xorta ghandhom dritt ikunu parti fil-kawza ghax meta huma intavolaw dik il-kawza huma kienu rapprezentanti tal-poplu u kellhom dritt biex jissalvagwardjaw il-proprjeta` tal-poplu gialadarba l-Avukat Generali u l-Awtorita` tal-Artijiet ma haditx l-azzjoni addebita sabiex taghmel dan.

7. Illi ghalhekk it-talba biex huma jigu awtorizzati sabiex jipprezentaw eccezzjoni ulterjuri huma frivoli u vessatorji u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat **ir-rikors tal-Awtorita` ta' l-Artijiet** ppreżentata fit-13 ta' Mejju, 2019 fejn jingħad kif ġej:

Illi l-atturi intavolaw nota in data d-9 t'April, 2019 fejn gew riprodotti l-artikolu3(1)(f) tal-Kap. 268 u l-artikolu 3(1)(e) tal-Att XVII tal-2017.

Illi din in-nota ma tindirizzax zewg kweziti mqajma mill-intimati u cioe`:

1. Illi l-atturi intavolaw nota in data d-9 ta' April 2019 fejn gew riprodotti l-artikolu 3(1)(f) tal-Kap. 268 u l-artikolu 3 (1)(e) tal-Att XVII tal-2017.

2. Illi din in-nota ma tindirizzax zewg kweziti mqajjma mill-intimati u cioe`:

Illi l-azzjoni ma hijiex intavolata bis-sahha tal-artikolu 3(1)(f) tal-Kap. 268 u dan ghaliex proprju l-istess artikolu citat ma jaghti ebda dritt lil terz li ma hux parti kontraenti tal-kuntratt jintavola kawza ghat-thassir u revoka tal-kuntratt.

a. L-attur ma jridx allura jillimita ruhu **BISS** li jindika allegat ksur izda jrid jiddentifika l-artikolu fil-ligi li taghti d-dritt lill-attur (f'dan il-kaz bhala terz estraeju tal-kuntratt) jintavola din il-kawza ghat-thassir tal-kuntratt.

b. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, dejjem jekk l-azzjoni attrici (**li ghad trid tigi identifikata)** giet intavolata ai termini tal-Kap. 268 (li kienet il-ligi vigenti meta giet intavolata l-kawza) l-atturi jridu juru kif din l-azzjoni tista' titkompla issa illi l-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta gie abrogat (abrogat anke bl-opra uhud mill-atturi Membri tal-Parlament ta' Malta).

c. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm -il darba l-azzjoni hi mehuda taht il-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta, illum din hija abrogata u d-dispozizzjoni transitorja fl-artikolu 82 tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tinkludix proceduri pendenti li setghu saru fost ohrajn taht il-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi mal-mument tal-intavolar tal-azzjoni l-atturi kollha kienu membri tal-Parlament u x'interess guridiku ghandhom l-atturi (sia jekk huma membri Parlamentari u sia jekk le) li jippromwovu din il-kawza.

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li:**

**1. l-atturi jindirizzaw dawn iz-zewg eccezzjonijiet stante illi dawn ir-rekwiziti huma essenzjali sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun vestita bil-kompetenza li tordna l-prosegwiment tal-kawza u**

**2. li tawtorizza li jigu intavolati eccezzjonijiet ulterjuri f'dan is-sens**

**u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.**

Rat ir-risposta **ta' Josef Bugeja fil-kwalita` tiegħu ta' Segretarju Ġenerali għan-nom u rappreżentanza tal-General Workers' Union** ppreżentata it-30 ta' Mejju, 2019 li jingħad kif ġej:

1. Illi l-esponenti ma jopponix ghar-rikors ghall-aggunta ta' eccezzjonijiet anke ghaliex l-esponenti intavola rikors simili nhar it-23 ta' Mejju 2019, kif jirrizulta mill-verbal tal-ahhar udjenza.

2. Illi l-esponenti jissottometti wkoll li sija t-talba tal-esponenti kif ukoll jidher li dik odjerna tal-Awtorita` tal-Artijiet qeghdin isiru *ex abundante cautela stante* li filwaqt li l-Art. 728(2) tal-Kap. 12 jipprovdi li ghall-aggunta ta' eccezzjonijiet fil-mori tal-kawza huwa mehtieg il-permess tal-Qorti kemm -il darba "*tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta*", L-Art. 731 jipprovdi li d-dispozizzjonijiet tal-Art. 728 ma jghoddux ghal dawk l-eccezzjonijiet li jinghalqu waqt il-kawza.

3. Illi hu car li sija l-elezzjoni generali tal-2017 li temmet il-mandat tal-atturi membri parlamentari filwaqt li bosta minnhom ma regghux gew eletti fil-Kamra tad-Deputati, u l-promulgazzjoni tal-Att XVII tal-2017 inqalghu waqt il-mori tal-kawza u ma kienux previsti jew previdibbli fil-mument meta saru l-eccezzjonijiet sija daparti tal-esponenti kif ukoll daparti tar-rikorrenti Awtorita` tal-Artijiet.

4. Illi jsegwi *dunque* li sija r-rikors tal-esponenti ghall-aggunta ta' eccezzjonijiet kif ukoll dak prezentat mill-Awtorita` tal-Artijiet jimmeritaw li jintlaqghu.

Ghaldaqstant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat **ir-risposta tal-Avukat Ġenerali** ppreżentata fil-31 ta' Mejju, 2019 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi dina r-Risposta qeghda ssir *ai termini* tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Mejju 2019 in risposta ghar-rikors prezentat mill-Awtoritajiet tal-Artijiet fit-13 ta' Mejju, 2019 fejn talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li *"(1) L-atturi jindirizzaw dawn iz-zewg eccezzjonijiet stante illi dawn ir-rekwiziti huma essenzjali sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun vestita bil-kompetenza li tordna l-prosegwiment tal-kawza u (2) Li tawtorizza li jigu intavolati eccezzjonijiet ulterjuri f'dan is-sens"*

2. Illi l-esponenti qieghed jirremetti ruhu ghas-superjuri gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti in ottemperanza mad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Mejju, 2019.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet rigwardanti r-rikors tal-Awtorità tal-Artijiet ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2019 u r-rikors ta' Josef Bugeja fil-kwalita` tiegħu ta' Segretarju Ġenerali għan-nom u rappreżentanza tal-General Workers' Union ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2019;

Rat illi r-rikorsi tħallew għal-lum għad-digriet finali.

Ikkunsidrat

Illi tnejn huma l-eċċezzjonijiet ulterjuri li qegħdin jintalbu li jiżdieda mill-konvenuti Awtorità tal-Artijiet u Josef Bugeja nomine, u ċioe l-awtorizazzjoni sabiex tiżdied l-eċċezzjoni fuq (a) l-interess ġuridiku o meno li fadlilhom uħud mir-rikorrenti issa li m'għadhomx membri parlamentari u (b) nuqqas ta' applikabbilità tal-Kapitolu 268 ġialadarba dan ġie revokat fil-mori tal-kawża. Naturalment din il-Qorti m'hijiex sejra tidħol fil-mertu tal-eċċezzjonijiet f'dan l-istadju għaliex dak li għandu jiġi eżaminat huwa fl-ewwel lok jekk iż-żieda ta' dawn l-eċċezzjonijiet ulterjuri tirrikjedix l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u fit-tieni lok jekk tali eċċezzjonijiet jistgħux jitresssqu f'dan l-istadju tal-proċeduri.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Il-legali tal-konvenut Josef Bugeja fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali għan-nom u rappreżentanza tal-General Workers' Union kemm fir-risposta tiegħu għar-rikors tal-Awtorità tal-Artijiet kif ukoll fit-trattazzjoni finali jissottometti li l-eċċezzjonijiet sollevati mill-imsemmija Awtorità kif ukoll dawk sollevati minnu (li

kif diġà ġiet indikat aktar 'l fuq dawn huma l-istess) għandhom jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-Artikolu 731 tal-Kapitolu 12. Ikompli jispjega li fiċ-ċirkostanzi l-Artikolu 728 b'mod partikolari it-tieni sub-artikolu m'huwiex applikabbli għan-natura ta' eċċezzjonijiet li qegħdin jitressqu.

**Artikolu 728 tal-Kapitolu 12** jipprovdi s-segwenti:

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 731 fil-kawżi li jsiru b'rikors ġuramentat l-eċċezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu għandhom jingħataw fir-risposta ġuramentata skont il-każ. Dawk l-eċċezzjonijiet li jolqtu l-meritu għandhom jingħataw bla ħsara ta' dawn l-eċċezzjonijiet dilatorji.

(2) Ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża; b'dan li l-qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi l-għaliex ma jkunux ingħataw fin-nota tal-eċċezzjonijiet jew fir-risposta.

Min-naħa l-oħra l-**Artikolu 731** jaqra:

Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 728 ma jgħoddux għal dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu b'dispożizzjoni espressa ta' dan il-Kodiċi jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti, jew għal-eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt il-kawża.

**Eċċezzjonijiet Ulterjuri u l-Artikolu 731 tal-Kap. 12**.

Filwaqt li l-Artikolu 728 speċifikatament jipprovdi li <u>ebda eċċezzjoni ulterjuri</u> ma tista' tiġi eċċepieta qabel l-ewwel tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, l-Artikolu 731 ma jsemmi xejn minn dan, li jgħid iżda huwa li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 728 ma japplikawx u għalhekk wieħed jifhem li eċċezzjonijiet li jistgħu jitqajmu taħt l-Artikolu 731 jistgħu jingħataw fi kwalunkwe stadju mingħajr ma l-ewwel tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti konklużżjoni kuntrarja twassal għal konsiderazzjoni anomala illi l-kliem "ma jgħoddux" fl-Artikolu 731 m'għandhom l-ebda sinifikat u għandhom jiġu injorati. Il-Qorti hija konvinta li dan

ma kienx il-ħsieb tal-Leġislatur u għalhekk jeħtieġ li l-Qorti tiddeċiedi dwar is-sinifikat tal-frażi "ma jgħoddux" fl-Artikolu 731.

Jirriżulta li fl-imgħoddi l-ġurisprudenza ma kinitx waħda konsistenti dwar il-ħtieġa o meno tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti meta jiġu sollevata eċċezzjonijiet ulterjuri. Din l-inkonsistenza ġiet spjegata minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **Kevin Azzopardi vs. L-Onorevoli Prim Ministru et** (Ċit Nru 758/2009 JRM) deċiża fis-27 ta' Marzu 2014, fejn ingħad hekk:

Illi l-Qorti tqis li, bħala regola, l-liġi [Art. 728(2) tal-Kap 12] trid li kull eċċezzjoni oħra li ma tkunx tqajmet fit-Tweġiba Maħlufa tista' titħalla titressaq biss jekk kemm-il darba l-parti mħarrka tkun talbet il-permess tal-qorti b'rikors biex titħalla tressaqha. Madankollu, hija l-liġi wkoll [Art. 731 tal-Kap 12 u ara App. Inf PS 20.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Gayle Scerri vs Eric Borġ et**] li tgħid li dik ir-regola ma tgħoddx fil-każ ta' dawk l-eċċezzjonijiet li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża jew li jinqalgħu waqt is-smigħ tal-kawża. F'dan ir-rigward, il-fehma tal-Qrati tagħna mhux dejjem kienet l-istess. Għalhekk, kien hemm drabi fejn in-nuqqas ta' tressiq ta' eċċezzjoni ulterjuri (ukoll waħda perentorja tal-ġudizzju) bla ma ntalab permess b'rikors kien meqjus li jġib in-nullita' tal-istess eċċezzjoni [P.A. RCP 17.4.2012 fil-kawża fl-ismijiet **Philip Gauċi et vs Alan Xuereb et** (appellata)]; filwaqt li kien hemm każijiet oħrajn fejn il-formalita' tar-rikors ma tqisitx meħtieġa meta titqies in-natura tal-eċċezzjoni li tkun [P.A. 26.1.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Herbert Mifsud vs Edward Lentini**];

Rilevanti ħafna hija s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet **Sunspot Tours Limited vs. C.H. Caterers Limited** (App Ċiv Nru 1921/1995/1) fejn eżaminat il-provvedimenti miġbura fis-Subtitolu I tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kapitoli 12 u ċioe dawk 'Fuq l-eċċezzjonijiet in ġenerali' bit-tama li "jigi stabbilit darba ghal dejjem x'jista' jew ma jistax jsir '*pendente lite*'" u dan wara li rrikonoxxit li dawn il-provvedimenti qegħdin joħolqu ċertu disgwid:

Kif gja nghad hawn fuq ir-regola generali hija li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Ghal din ir-regola hemm zewg eccezzjonijiet:-

1) d-dritt tal-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta; u

2) d-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jinghatw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza. Fost dawn hemm l-hekk imsejha eccezzjonijiet perentorji li ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri.

L-Artikolu 731 li jitkellem dwar dawk l-eccezzjonijiet li, b'disposizzjoni espressa tal-ligi, jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jiddisponi espressament li f'dawn il- kazi l-provvediment ta' l-Artikolu 728 ma jghoddux. Dan jfisser li meta, waqt is-smiegh tal-kawza, tinqala l-htiega li tinghata eccezzjoni perentorja jew kull eccezzjoni ohra li, b'disposizzjoni espressa tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tista` tinghata f'kull waqt tal-procedimenti, inkluzi dawk l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza, ma jkunx mehtieġ li ssir talba lill-Qorti kif kontemplat fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 728 u konsegwentement hija eskluza kull diskrezzjoni ta' dik il-Qorti li tezamina jekk kienx hemm raguni valida l-ghaliex tali eccezzjoni ma tkunx inghatat fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta. Dan ghaliex l-eccezzjonijiet perentorji ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri, u l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza qatt ma' setghu jitressqu fi stadju tal-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet. L-indagini tal-Qorti f'dawn il-kazi ghandha tkun limitata biex tistabilixxi jekk verament tali eccezzjonijiet humiex ta' natura perentorja jew jekk il-htiega taghhom inqalatx waqt il-proceduri. Tista` se mai, fil-kaz ta' eccezzjonijiet perentorji li jinghataw fil-mori tal-proceduri, tordna temperament fil-kap ta' l-ispejjez kemm-il darba jirrizulta li l-ostakolu ghal dawk il-proceduri kien pre-ezistenti l-prezentata tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta.

F'ġurisprudenza aktar riċenti l-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza **Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs. Angelo Bonanno** (Rik Nru 873/04) moqrija fil-31 ta' Jannar 2019 kienet tal-fehma li

[...] fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 731 tal-Kapitolu 12, l-istħarriġ tal-qorti jrid ikun limitat biex jistabilixxi jekk tabilħaqq eċċezzjoni bħal dik hijiex ta' sura perentorja [App. Ċiv. **16.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sunspot Tours Ltd vs C.H. Caterers Ltd*]** u tgħaddi biex tittrattaha ukoll jekk din titqajjem wara li l-kawża tkun tħalliet għas-sentenza [App. Ċiv. **25.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lia et vs Alan Gatt et***]. Jekk ma tkunx xi waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet, ikun meħtiġ li biex titressaq eċċezzjoni ulterjuri, jkun irid jingħata l-permess tal-Qorti wara li ssir talba għal daqshekk b'rikors;

Din il-Qorti taqbel mal-ġurisprudenza appena ċitata. L-Artikoli 728 u 731 tal-Kap. 12 jeħtieġ jingħataw interpretazzjoni koerenti, loġika u bil-preżunzjoni illi l-kliem li jintuża fil-liġijiet, speċjalment dawk ta' ordni pubbliku bħalma huma l-liġijiet li jirregolaw il-proċedura ġudizzjarja, huma intiżi sabiex jevitaw intoppi proċedurali billi jiġu applikati u mhux sabiex jiġu injorati qishom ma jeżistux fuq il-kotba tal-liġi.

**Jekk l-Eċċezzjoni Ulterjuri Proposta hiex Eċċezzjoni Perentorja.**

Hija u tikkunsidra l-awtorizzazzjoni o meno ta' żieda fl-eċċezzjonijiet ulterjuri, il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni **Victor Lia et vs. Alan Gatt et** (App Ċiv Nru 1008/1995/1) mogħtija fil-25 t'Ottubru 2013 waslet għal konklużjoni li "jekk il-konvenut ikun irid jeċċepixxi ulterjorment l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hemm il-bżonn li jintavola r-rikors appożitu u l-Qorti li quddiemha jiġi hekk intavolat m'għandha l-ebda diskrezzjoni ħlief li tawtorizza lil dik il-parti tissottometti risposta ġuramentata ultejuri".[1] Ma hemmx dubbju li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu eċċezzjoni perentorja hija waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet li tista' tiġi sollevata f'kull stadju tal-proċeduri, inkluż fi stadju t'appell, u dan in vista li ġġib fi tmiema l-azzjoni jekk din l-eċċezzjoni tintlaqa. Dan jingħad ukoll fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 732 tal-Kapitolu 12:

[1] Enfażi miżjud minn din il-Qorti.

(1) Bla ħsara dejjem tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-produzzjoni tal-provi, l-eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell għalkemm ma jkunux ġew mogħtija fil-qorti tal-ewwel grad.

Fil-fehma tal-Qorti l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Appell fil-kawża suċċitata Victor Lia et vs. Alan Gatt et tapplika għal kaz in eżami. Huwa ben saput li l-eċċezzjoni dwar karenza ta' interess ġuridiku hija eċċezzjoni ta' natura perentorja u li trid tissussisti matul il-proċedura kollha. Tant li fis-sentenza **Nicholas de Giorgio vs. Vincent Paul Savona et** (Ċit Nru 1713/00) moqrija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-30 ta' Settembru 2016 ġie ritenut "li fir-rigward tal-eccezzjoni relattiva ghall-interess guridiku, din hija ta' natura perentorja tal-gudizzju li tista' tigi sollevata anke fl-istadju tal-appell, peress li huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li l-interess guridiku ghandu jissussisti f'kull stadju tal-kawza, anke f'dak tal-appell."[2]

Dwar l-eċċezzjoni ulterjuri li l-intimati qed jitolbu li jressqu rigwardanti l-interess ġuridiku o meno f''uħud mill-atturi tenut kont li fil-mori tal-kawża uħud minnhom ma baqgħux membri parlamentari, il-Qorti tqis in-natura ta' tali eċċezzjoni bħala waħda perentorja u li għalhekk tista' titressaq f'kull stadju tal-kawża. Apparti wkoll li l-ħtieġa tagħha inqalgħet fil-mori tal-kawżu u għalhekk ma setgħatx tingħata mar-risposta ġuramentata.

Il-Qorti għalhekk, fid-dawl tal-gwida mogħtija mill-ġurisprudenza fuq ċitata qegħda taghti l-kunsens u l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex il-konvenuiti iressqu eċċezzjoni ulterjuri dwar l-interess ġuridiku fl-atturi tenut kont li fil-mori uħud minnhom ma baqgħux membri parlamentari.

Bl-istess mod il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni ulterjuri li l-konvenuti qed jitolbu li jressqu rigwardanti l-applikabbilità o meno tal-Kapitolu 268 issa li ġie abbrogat fil-mori tal-kawża, hija eċċezzjoni ta' natura perentorja li tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża. Il-konvenuti qed isostnu illi una volta l-Kap 268 ġie abbrogat fil-mori tal-

[2] Ara wkoll **Jamar Ltd vs. Domestica Ltd** (Ċit Nru 914/2012 MCH) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Novembru 2013

kawża allura jonqos il-fondament legai li fuqu hija msejsa l-kawża odjerna bil-konsegwenza li l-kawża ma tistax tkompli tiġi trattata. Deher ċar minn dak sa issa sottomess mill-atturi illi ma jaqblu xejn ma tali interpreatazzjoni u taw ir-raġunijiet tagħhom. Pero' li hu rilevanti f'dan l-istadju ma hux jekk l-eċċezzjoni ulterjuri proposta hiex fondata iżda jekk hiex waħda li taqa' fil-katergorija ta' eċċezzjoni perentorja.

Fil-fehma tal-Qorti anke tali eċċezzjoni hija waħda perentorja li tista' titressaq f'kull waqt tal-kawż għaliex jekk jirriżulta li hi fondata allura twassal fi tmimha l-kawża.. Jekk hiex fondata jew le naturalment jiġi trattat fl-istadju opportun.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mir-rikors tal-konvenuta l-Awtorita' ta' l-Artijiet tat-13 ta' Mejju 2019 u mir-rikors tal-konvenut Josef Bugeja nomine tat-23 ta' Mejju 2019 kif ukoll mir-risposti relativi tal-partijiet l-oħra bil-mod segwenti:

1. Tiddikjara illi l-eċċezzjoni ulterjuri proposta li fil-mori tal-kawża ġie nieqes l-interess ġuridiku f' uħud mill-atturi stante li m'għadhomx membri parlamentari hija eċċezzjoni perentorja u li għalhekk tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża. Tikwalifika wkoll bħala eċċezzjoni illi l-ħtieġa tagħha inqalgħet fil-mori tal-kawża.

2. Tiddikjara illi l-eċċezzjoni ulterjuri proposta li peress li fil-mori tal-kawża ġie abrogat il-Kapitolu 268 allura l-kawża tilfet il-fondament legali tikwalifika sew bħala eċċezzjoni perentorja u sew bħala eċċezzjoni li l-ħtiega tagħha inqalgħet fil-mori tal-kawża.

Għaldaqstant il-Qorti qed tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex il-konvenuti Awtorita' ta' l-Artijiet u Josef Bugeja nomine jipprezentaw risposti maħlufa ulterjuri bl-eċċezzjonijiet ulterjuri kif mitlub.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**